MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2005

Numru 1019/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Spiteri)**

**vs.**

**Jason Mamo**

**Illum 11 ta’ Marzu, 2005**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Jason Mamo bin John u Maria Assunta nee Rapinett mwieled Pieta fit-31/8/1978 u joqghod Flt 1, Blk B, Hsg. Est, Ta Paris, b’Kara. Id 413678(m) gie akkuzat talli fl-26/8/2004 ghal habta ta’ 3.00pm fi Triq l-Avjazzjoni, Luqa.

Volontarjament kiser il-paci pubblika u il-bon ordni, b ghajjat u storbju.

B) Ingurja, offenda u hedded lil Paul Leone Ganado sabiex idejjqu jew jaghmillu hsara.

C) Qal kliem oxxen u daghha fil-pubbliku.

D) Ikkaguna hsara fil-vettura DJP 111 tal-ghamla BMW li tammonta ghal madwar Lm70 ghad-dannu tal-istess Paul Leone Ganado meta waddab hadida (wheelbrace) fid-direzzjoni tal-vettura tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok MS2 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum Dr Matthew Brincat ghall-parte civile Paul Leone Ganado iddikjara li l-imsemmi parte civile qed jirrinunzja ghall-azzjoni kirminali fil-konfront tal-imputat kull fejn hu rinunzjabbli u iddikjara ukoll li l-imsemmi parte civile thallas il-flus kollha rigward l-akkuza D).

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu barra l-akkuza B).

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu barra l-akkuza B).

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Malcolm Spiteri iddikjara li l-imputat ikkopera mal-pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 338(dd), 338(bb), 342 u 325 (1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Jason Mamo, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra l-istess imputat barra l-akkuza B) u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, li l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Malcolm Spiteri iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta' llum li l-imputat ikkopera mal-pulizija u dak dikjarat minn Dr Matthew Brincat ghall-parte civile Paul Leone Ganado fil-Verbal tas-Seduta ta' llum , tillibera lill-istess imputat taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Rigward l-akkuza B) migjuba kontra l-imputat Jason Mamo il-Qorti tiddikjara procediment esaurit stante rinunzja u dan fid-dawl tal-fatt li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum Dr Matthew Brincat ghall-parte civile Paul Leone Ganado iddikjara li l-imsemmi parte civile qed jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat kull fejn hu rinunzjabbli.

Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Jason Mamo b'obbligazzjoni personali ta' Lm100 li bl-ebda mod ma jimmolesta lil Paul Leone Ganado ghal zmien sena mil-lum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Jason Mamo l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------